MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 458/2014

**Browns Pharma Limited [C-22952]**

**Vs**

**Parkwell Limited [C-25934]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-14 ta' Lulju, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn mija tmienja u sebghin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€2,178.20c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta Brown's Pharma Limited qed titlob il-hlas lura ta' elfejn, mija tmienja u sebghin euro u ghoxrin ċenteżmu (€2,178.20) u/jew il-bilanc hekk dovut rappreżentanti hlas illi sar lis-socjeta intimata ghal

printing u twahhil ta’ reklam ghal tul ta’ sena, liema riklam ntwera biss ghal nofs il-perjodu miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 15 ta’ Mejju, 2013 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv”.

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fil-21 ta’ Lulju, 2014 u li ma dehritx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar is-17 ta’ Settembru, 2014 u tal-lum.

Semgha x-xhieda ta’ Ianina Drenska *marketing manager* mas-socjeta rikorrenti tikkonferma li s-socjeta minnha rappreżentata kienet hallset lis-socjeta intimata ammont ta’ flus ghal reklamar fil-*car park* imexxi minnha, liema *car park* però inghalqet wara ftit żmien li kien sar il-ftehim u ghalhekk ma onoratx il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Qalet ukoll li ghalhekk is-socjeta rikorrenti qeghda titlob rifużjoni lura ta’ parti mill-flejjes imhallsa lis-socjeta intimata, liema rifużjoni kienet tammonta ghal €2,178.20c. Dan l-ammont baqa qatt ma gie rifuz lis-socjeta rikorrenti.

Ra li Dr. Danica Caruana iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta’ €2,178.20c rapprezentanti din is-somma hlas illi sar lis-socjeta intimata ghal printing u twahhil ta’ reklam ghal tul ta’ sena, liema reklam ntwera biss ghal nofs il-perjodu miftiehem.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ elfejn mija tmienja u sebghin euro u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€2,178.20c] ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet notifikata fil-21 ta' Lulju, 2014 u baqghet ma dehritx ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal nhar is-17 ta' Settembru, 2014 u tal-lum.

7. Wara li semgha x-xhieda mressqa, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn mija tmienja u sebghin euro u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€2,178.20c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-15 ta' Mejju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju, 2013, huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------